**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Sottokumitat għas-Saħħa Pubblika*

17.12.2024

# RENDIKONT TA' MISSJONI

wara l-missjoni tas-Sottokumitat SANT fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fi Stokkolma (l-Iżvezja), mit-28 ta' Ottubru sad-29 ta' Ottubru 2024

Sottokumitat għas-Saħħa Pubblika

<u>Membri tal-missjoni:</u>

| | |
|---|---|
| Elena NEVADO del CAMPO | (PPE, Spanja) (kap tal-missjoni) |
| Marta Temido | (S&D, il-Portugall) |
| András Tivadar KULJA | (PPE, l-Ungerija) |

*Introduzzjoni*

Fit-28 u d-29 ta' Ottubru 2024, is-Sottokumitat SANT żar iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fi Stokkolma (l-Iżvezja). Id-delegazzjoni kienet magħmula minn tliet Membri minn Stati Membri differenti li jirrappreżentaw żewġ gruppi politiċi (il-PPE u l-S&D).

L-għan ta' din il-missjoni kien li tinġabar informazzjoni dwar l-attivitajiet attwali u ppjanati tal-Aġenzija. Il-Membri parteċipanti ltaqgħu mad-direttur u ma' rappreżentanti oħra tal-ECDC, iddiskutew l-aħjar prattiki għall-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa, u kif id-data epidemjoloġika tinġabar u tintuża biex tinfluwenza l-politiki tas-saħħa pubblika fl-UE. Iż-żjara ppermettiet ukoll lill-Membri jiksbu għarfien aħjar tal-isfidi tas-saħħa pubblika, kif ukoll dwar miżuri biex jiġi pprevenut u kkontrollat il-mard komunikabbli, b'mod partikolari dak li jikkonċerna l-kriżi tal-MPox.

*Sommarju tar-rendikont tal-laqgħat*

**<u>Laqgħat nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru</u>**

Parteċipanti:

Elena Nevado del Campo
Marta Temido
András Tivadar Kulja
Pamela Rendi-Wagner, Direttur tal-ECDC
Vicky Lefevre, Kap tal-Unità Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika
Bruno Ciancio, Viċi Kap tal-Unità Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika, Kap tat-Taqsima Sorveljanza
Kathryn Edwards, Espert Prinċipali fil-Kooperazzjoni Ewropea, Affarijiet ta' kollegament tal-PE
Karam Adel, Espert tal-Politika fil-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard Komunikabbli
Nicolas White, Uffiċjal tal-Komunikazzjoni

13:30 - 14:15: **Merħba mid-Direttur tal-ECDC, inkluża ikla ta' ħidma**
*Suġġett għad-diskussjoni: Ir-restawr tal-fiduċja fis-saħħa pubblika u fl-istituzzjonijiet tas-saħħa tal-UE - Kif għandhom jiġu miġġielda l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni*

Matul l-ikla ta' ħidma ospitata minn Pamela Rendi-Wagner, id-Direttur tal-ECDC, il-Membri u r-rappreżentanti tal-ECDC iddiskutew il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, kif ukoll l-impatt tagħhom fis-saħħa pubblika. Huma indirizzaw suġġetti bħan-nuqqas ta' fiduċja mis-soċjetà ġenerali fl-istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika, speċjalment wara l-pandemija tal-COVID-19, u skambjaw fehmiet dwar soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

14:30 - 15:30: **Preżentazzjoni tal-oqsma ta' ħidma ewlenin tal-ECDC, inklużi diskussjoni ġenerali u ħin għall-mistoqsijiet**

15:30 - 16:00: **Il-mandat imsaħħaħ tal-ECDC fl-Unjoni Ewropea tas-Saħħa – X'jinvolvi l-mandat il-ġdid u kif qed jiġi implimentat?**

Pamela Rendi-Wagner, Direttur tal-ECDC
Il-Kapijiet tal-Unità u l-Viċi Kapijiet tal-Unità

Is-Sa Rendi-Wagner ippreżentat l-organizzazzjoni tal-Aġenzija u l-oqsma ta' ħidma ewlenin. Hija infurmat lill-Membri li ċ-Ċentru bħalissa jiġbor, janalizza u jikkondividi data dwar aktar minn 50 marda infettiva, u jikkoopera ma' sħab madwar id-dinja kollha, jikkondividi l-għarfien, jiskambja l-informazzjoni u jippromwovi l-aħjar prattiki fost l-esperti tas-saħħa pubblika. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-mandat il-ġdid, id-Direttur spjegat li l-aġenzija kienet qed tistabbilixxi sħubijiet mal-Istati Membri, torganizza żjarat ta' valutazzjoni tat-tħejjija għall-pajjiżi, u li dawn kienu bdew reċentement f'xi Stati Membri. Hija rreferiet li dawn iż-żjarat, li għandhom l-għan li jifhmu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u li jivvalutaw il-programmi ta' prevenzjoni, il-pjanijiet ta' tħejjija u ta' rispons, u l-implimentazzjoni tagħhom. Is-Sa Rendi-Wagner elaborat dwar it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li indikat il-ħtieġa li tinġabar u tiġi integrata aktar data fis-sistemi tal-e-Saħħa tal-Istati Membri. Hija enfasizzat ukoll il-ħtieġa ta' aktar kooperazzjoni u fiduċja mibnija fil-livell globali, u spjegat li l-ECDC qed jespandi l-kollaborazzjoni mas-sħab internazzjonali. Bħala eżempju, hija rreferiet għal-laqgħat regolari ta' network ta' CDCs, biex tiġi skambjata informazzjoni dwar l-aktar kwistjonijiet importanti tas-saħħa.

Fis-sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet, il-Membri staqsew dwar is-sitwazzjoni attwali tar-riżorsi u l-baġit tal-Aġenzija, l-impatt tal-qafas ta' sorveljanza fl-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, u r-regolament tal-GDPR bħala ostaklu għall-ġbir tad-data. Id-dibattitu żviluppa dwar kif il-PE jista' jgħin lill-ECDC jilħaq l-objettivi tiegħu f'dawn il-kwistjonijiet.

16:15 - 17:00: **Is-sorveljanza mill-ECDC tal-mard komunikabbli**
*Bruno Ciancio, Viċi Kap tal-Unità PHF, Kap tat-Taqsima Sorveljanza*

Bruno Ciancio, Viċi Kap tal-Unità PHF, Kap tat-Taqsima Sorveljanza informa lid-delegazzjoni dwar is-sorveljanza tal-mard komunikabbli. Huwa enfasizza l-importanza tas-sorveljanza tal-mard komunikabbli fil-livell tal-UE, billi qal li din taqdi diversi skopijiet, inkluża twissija bikrija għall-identifikazzjoni ta' tifqigħat, kwantifikazzjoni tal-piż tal-mard u tmexxija tal-istrateġiji ta' prevenzjoni u kontroll. Is-Sur Ciancio ssottolinja wkoll l-importanza tal-intelligence dwar l-epidemiji u l-kollaborazzjoni mas-sħab internazzjonali, li kienu kruċjali għal twissijiet bikrija. Huwa kompla jenfasizza s-sorveljanza ġenomika bħala sors importanti ieħor ta' data, użat għall-identifikazzjoni tal-epidemiji, l-identifikazzjoni tas-sorsi ta' infezzjoni, il-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-virulenza u t-trażmissibbiltà, it-tbassir tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, u l-effettività tal-vaċċini. Huwa ppreżenta lill-GenEpi-BioTrain, taħriġ interdixxiplinari fl-epidemjoloġija ġenomika u fil-bijoinformatika tas-saħħa pubblika, u kkonkluda bl-indikazzjoni li l-ECDC kien parti mill-konsorzju li ħadem fuq il-proġett pilota għall-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS).

Il-parteċipanti involvew ruħhom f'diskussjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tat-tilqim, l-istrateġiji ta' komunikazzjoni u l-importanza ta' komunikazzjoni komprensiva u f'waqtha biex

jiġi indirizzat in-nuqqas ta' fiduċja tal-pubbliku. Fir-rigward tal-appoġġ mill-ECDC lill-Istati Membri, il-Membri staqsew dwar il-livell ta' involviment tal-Istati Membri differenti, u l-impatt tiegħu fuq il-ġbir tad-data.

17:00 - 17:45: **Kif l-ECDC huwa ppreparat aħjar għall-emerġenzi tas-saħħa futuri fl-UE u jikkontribwixxi għat-tħejjija globali għas-sigurtà tas-saħħa**
*Vicky Lefevre, Kap tal-Unità Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika*

Vicky Lefevre, Kap tal-Unità Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika, ippreżentat it-tħejjija mtejba tal-ECDC għall-emerġenzi tas-saħħa futuri u l-kontributi tiegħu għas-sigurtà tas-saħħa globali. Hija enfasizzat diversi inizjattivi ewlenin, inklużi t-Task Force tal-UE għas-Saħħa u l-Isforzi ta' Tħejjija, li kienu ġew stabbiliti biex jipprovdu risponsi operazzjonali effettivi matul il-kriżi u jappoġġjaw lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE fit-tisħiħ tat-tħejjija. Hija kompliet tispjega d-diversi fażijiet tal-valutazzjonijiet tat-tħejjija tal-pajjiżi, billi semmiet li dawn kienu bbażati fuq 16-il kapaċità (fost l-oħrajn, il-laboratorji, is-sorveljanza, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR)). Is-Sa Lefevre enfasizzat l-importanza ta' programmi ta' taħriġ bħall-programmi ta' taħriġ tal-programm ECDC Fellowship fil-qasam tal-epidemjoloġija (EPIET) u l-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika (EUPHEM), il-Programm tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed għat-Taħriġ fl-Epidemjoloġija tal-Intervent (MediPIET) u l-programm ta' taħriġ il-ġdid għat-tħejjija u r-rispons f'każ ta' emerġenza, żviluppat wara l-pandemija tal-COVID-19 u li għandu jitnieda fl-2025. Fir-rigward tal-laboratorji ta' referenza (EURLs), is-Sa Lefevre spjegat li l-Aġenzija qed tiżviluppa network ta' laboratorji fl-Istati Membri, maħtura mill-Kummissjoni u ffinanzjati mill-programm l-UE għas-Saħħa. Hija ppreżentat is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS), sistema żviluppata biex tippermetti notifiki u ġestjoni ta' twissijiet relatati ma' theddid transfruntier serju għas-saħħa. Hija elaborat ukoll dwar l-involviment tal-ECDC fit-tisħiħ tas-sigurtà tas-saħħa fil-pajjiżi kandidati tal-UE u fis-sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), b'kollaborazzjoni mal-Istituti Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika f'dawn ir-reġjuni biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons. Hija kkonkludiet billi infurmat dwar il-kollaborazzjoni mas-CDC tal-Afrika f'oqsma bħas-sorveljanza bbażata fuq l-avvenimenti u l-intelligence dwar l-epidemiji.

Il-Membri għamlu mistoqsijiet li jkopru l-ħidma tal-Aġenzija dwar l-approċċ "Saħħa Waħda" u l-kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Id-diskussjoni kompliet dwar jekk pajjiż b'sistema tas-saħħa aktar ċentralizzata jkunx aktar lest biex jittratta t-theddid għas-saħħa, u dwar il-kriterji għad-distribuzzjoni tal-EURLs.

**<u>Laqgħat nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru</u>**

Parteċipanti

Elena Nevado del Campo
Marta Temido
András Tivadar Kulja
Kathryn Edwards, Espert Prinċipali fil-Kooperazzjoni Ewropea, Affarijiet ta' kollegament tal-PE
Karam Adel, Espert tal-Politika fil-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard Komunikabbli

Dominique Monnet, Kap tat-Taqsima AMR u infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa
Sabrina Bacci, Kap tat-Taqsima Mard prevenibbli b'vaċċin
Anastasia Pharris, Espert Prinċipali fil-Mard Infettiv, l-STIs, il-Viruses li Jinġarru fid-Demm u t-TB
Thomas Hofmann, Kap tat-Taqsima Tħejjija u Rispons f'Każ ta' Emerġenza
Vicky Lefevre, Kap tal-Unità Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika

09:00 - 09:10: **Merħba għat-Tieni Jum**
*Kathryn Edwards, Espert Prinċipali fil-Kooperazzjoni Ewropea, Affarijiet ta' kollegament tal-PE*
*Karam Adel, Espert tal-Politika fil-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard Komunikabbli*

09:10 - 09:40: **Reżistenza għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa**
*Dominique Monnet, Kap tat-Taqsima AMR u infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa*

Dominique Monnet, Kap tat-Taqsima AMR u Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa, spjega l-isfidi sinifikanti tas-saħħa pubblika tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, u spjega li dawn ikkontribwew għat-tixrid ta' organiżmi reżistenti għal ħafna mediċini. Huwa saħaq li skont l-istimi, kull sena, fl-UE, iseħħu madwar 800,000 infezzjoni bil-mikroorganiżmi tal-AMR f'persuni, u li dan irriżulta f'aktar minn 35,000 mewta u aktar minn miljun sena ta' ħajja mitlufa minħabba diżabbiltà jew mewt prematura. Huwa enfasizza li aktar minn 70 % ta' dan il-piż kien marbut ma' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa. Is-Sur Monnet kompla jinforma dwar il-ħidma żviluppata mill-Aġenzija dwar din il-kwistjoni, bħas-sistemi ta' sorveljanza (EARS-Net u EURGen-Net) u l-istrateġiji ta' komunikazzjoni stabbiliti. Huwa semma wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata f'Ġunju 2024, li kienet tinkludi miri indikattivi għall-Istati Membri biex jiġġieldu l-AMR, u informa li l-Istati Membri wrew livelli differenti ta' progress. Is-Sur Monnet ikkonkluda billi semma xi miżuri biex jiġi indirizzat dan is-suġġett, bħall-użu prudenti tal-antimikrobiċi u aktar sforzi biex tiġi pprevenuta t-trażmissjoni inkroċjata b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa.

Matul id-dibattitu, il-Membri qajmu diversi suġġetti inkluż ir-rwol tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa u tal-industrija fir-riċetti tal-antibijotiċi, ir-rabta bejn in-nuqqas ta' ħaddiema u miżuri preventivi mnaqqsa, u strateġiji fit-tul għall-kontroll tal-AMR.

09:40- 10:10: **Il-ħidma tal-ECDC fuq il-*mard prevenibbli b'vaċċin-, inkluż ir-rata tat-tilqim u* l-eżitazzjoni għat-tilqim**
*Sabrina Bacci, Kap tat-Taqsima Mard prevenibbli b'vaċċin*

Sabrina Bacci, Kap tat-Taqsima Mard prevenibbli b'vaċċin, infurmat lill-Membri dwar il-mard li bħalissa huwa kopert mit-tilqim u l-ħidma żviluppata mill-ECDC dwar din il-kwistjoni, u informat li l-Aġenzija kkoordinat żewġ networks strateġiċi (il-punti fokali nazzjonali għall-mard prevenibbli b'vaċċin, u l-gruppi konsultattivi tekniċi nazzjonali għall-immunizzazzjoni (NITAGs)). Hija qasmet data dwar il-kopertura tat-tilqim ta' diversi mardiet, filwaqt li enfasizzat li din kienet għodda kritika għas-saħħa pubblika għall-prevenzjoni tagħhom, speċjalment f'persuni vulnerabbli. Is-Sa Bacci ppreżentat il-Pjattaforma għall-Monitoraġġ tat-

Tilqim (VMP), kollaborazzjoni tal-ECDC mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) dwar l-effettività u s-sikurezza tat-tilqim, u spjegat id-diversi tipi ta' pariri xjentifiċi li l-Aġenzija pprovdiet lill-Istati Membri. Hija kkonkludiet b'xi noti dwar l-aċċettazzjoni, u ppreżentat eżempji tar-riżorsi u l-għodod disponibbli għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa.

Il-Membri għamlu mistoqsijiet relatati mas-sensibilizzazzjoni dwar il-Virus tal-Papilloma Uman u t-tilqim tas-subien, u mar-raġunijiet għall-possibbiltà ta' ineffiċjenza tal-programmi ta' tilqim, l-impatt tad-diżinformazzjoni, u l-miżuri biex tinkiseb aktar effettività fil-kampanji ta' tilqim.

*10:25 - 10:55*: **Il-ħidma tal-ECDC fuq l-Infezzjonijiet Trażmessi Sesswalment u b'mod partikolari fuq l-HIV**
*Anastasia Pharris, Espert Prinċipali fil-Mard Infettiv, l-STIs, il-Viruses li Jinġarru fid-Demm u t-TB*

Anastasia Pharris, Espert Prinċipali fil-Mard Infettiv, l-STIs, il-Viruses li Jinġarru fid-Demm u t-TB, irrapportat dwar il-progress u l-isfidi attwali fil-ġlieda kontra l-Infezzjonijiet Trażmessi Sesswalment (STIs), li żdiedu wara l-pandemija tal-COVID-19. Hija infurmat li l-azzjonijiet tal-UE dwar din il-kwistjoni kienu rnexxew, u li n-networks ikkoordinati tal-ECDC dwar dawn l-infezzjonijiet, ħadmu ma' partijiet ikkonċernati esterni u kellhom l-għan li jibnu l-kapaċità fl-Istati Membri. B'enfasi fuq il-Virus tal-Immunodefiċjenza Umana (HIV), is-Sa Pharris spjegat li madwar 778 000 persuna li jgħixu bih kellhom l-infezzjoni taħt kontroll, u li l-mira kienet li sal-2030 l-inċidenza titnaqqas b'90 %. Hija enfasizzat li b'mod ġenerali kien hemm perjodu ta' tliet snin bejn l-infezzjoni u d-dijanjostika, u li dan kien jirrappreżenta waħda mill-isfidi ewlenin fl-UE. Hija kkonkludiet billi ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li r-rata tal-HIV mhijiex qed tonqos u li l-istigma u d-diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa jibqgħu l-akbar ostakli.

Id-diskussjoni li segwiet iffokat fuq il-ħtieġa ta' kampanji mmirati għan-nisa, l-istigma u d-diskriminazzjoni, u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti bl-HIV li qed jixjieħu. Il-Membri kienu interessati wkoll fl-importanza tas-sħubijiet, fis-sensibilizzazzjoni, fil-ġbir tad-data u fl-avvanz tar-riċerka xjentifika biex tiġi miġġielda ż-żieda fl-STIs.

10:55 -11:25: **Ir-rispons tal-ECDC għal theddid emerġenti għas-saħħa, inklużi l-eżempji tal-influwenza tat-tjur, l-Mpox u l-Marburg**
*Thomas Hofmann, Kap tat-Taqsima Appoġġ għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza*

Thomas Hofmann, Kap tat-Taqsima Appoġġ għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza ppreżenta l-attivitajiet ta' identifikazzjoni u ta' monitoraġġ tal-mard tal-Aġenzija. Huwa enfasizza l-ħidma li għaddejja mas-sħab globali u reġjonali biex jiġi segwit u indirizzat it-theddid tal-mard komunikabbli, filwaqt li tiġi żgurata tħejjija robusta għall-pandemija madwar l-Istati Membri kollha. Huwa elabora fuq is-sistemi ta' monitoraġġ bħal EpiPulse u EWRS (Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons), u spjega li, flimkien mal-kollaborazzjoni mal-WHO, mas-CDC tal-Afrika u mad-DĠ NEAR, l-ECDC qed isaħħaħ il-prevenzjoni u r-rispons għall-mard madwar l-UE kollha. Huwa kkonkluda billi qal li kien hemm tliet theddidiet emerġenti reċenti għas-saħħa li kienu qed jikbru (l-influwenza tat-tjur, l-Mpox u l-marda tal-virus ta' Marburg), bi programmi ta' monitoraġġ u rapportar tal-ECDC li kienu għaddejjin.

11:30 - 12:00: **Il-parteċipazzjoni fid-Diskussjonijiet madwar mejda ta' kuljum tal-ECDC**
*Vicky Lefevre, Kap tal-Unità Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika*

Il-Membri kellhom l-opportunità li jieħdu sehem fil-laqgħa ta' diskussjoni, fejn l-Aġenzija timmonitorja u tivvaluta t-theddid għas-saħħa, kif ukoll twettaq l-azzjonijiet xierqa. L-informazzjoni ttrattata f'din il-laqgħa ta' kuljum tinkiseb bl-iskrinjar ta' diversi sorsi jew permezz ta' notifika minn sorsi formali, bħall-EWRS.

12:00 – 12:15: **Għeluq u konklużjonijiet taż-żjara**

Kathryn Edwards u Vicky Lefevre għalqu l-programm ta' żjara ta' jumejn, billi ġabru fil-qosor is-suġġetti diskussi.

***Konklużjonijiet***

Id-delegazzjoni SANT kienet sodisfatta ħafna bil-programm, id-diversità tiegħu u l-kwalità tal-laqgħat. Il-laqgħat żvolġew tajjeb, b'dibattiti mqanqla mal-kollokuturi. Il-Membri parteċipanti kienu kuntenti li rċevew informazzjoni diretta dwar il-ħidma tal-Aġenzija u kif din tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE. Il-Membri qiesu wkoll ta' valur estrem li ġabru informazzjoni rilevanti għall-ħidma futura tas-Sottokumitat, f'suġġetti bħas-sorveljanza, it-tħejjija, l-AMR, il-mard prevenibbli b'vaċċin, l-STIs u t-theddid emerġenti għas-saħħa.